MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2011

Numru. 1291/2009

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR EDMOND CUSCHIERI**

**KONTRA**

**PERIT HENRY ATTARD ta' 38 sena, iben Leonard u Catherine nee' Spiteri, imwieled Tal-Pieta' nhar is-17.05.1973, residenti fil-fond numru 138, El Shaddai, Triq Annibale Preca, Lija, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 251573M;**
**U DAVID BUGEJA ta' 53 sena, iben Emanuel Bugeja u Frances Camilleri, imwieled l-Imgarr nhar is-17.07.1957, residenti fil-fond numru 154, Lindave, Triq il-Vanilja, l-Imgarr, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 634357M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmija **PERIT HENRY ATTARD** u **DAVID BUGEJA** li gew akkuzati talli:

F’dawn il-Gzejjer nhar it-03.11.2008 jew fil-jiem ta’ qabel, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom infushom jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz.

Xehed l-Ispettur Edmond Cuschieri li qal dwar il-bore hole li fattwalment ra meta mar fis-sit tal-ko-imputat David Bugeja. Ikkonferma li fil-fatt il-posizzjoni vera tal-bore hole go l-ghalqa kienet differenti minn dik indikata fuq l-applikazzjoni, fis-sens illi fl-application ghall-‘borehole’, l-istess toqbda kienet tidher aktar ‘il gewwa – xehed fil-fatt metri ‘l boghod (folio 12). Fit-termini tal-fond tal-bore hole, xehed illi d-diskrepanza kienet wahad kbira. (folio 15).

Ipprezenta l-spoll imsemmi, anke zewg stqarrijiet tal-ko-imputati.

Fid-Dok DB, cioe’ dik ta’ David Bugeja, insibu li dan ried jirregistra l-borehole, allavolja ma kienx qed uzaha. Qal illi qabbad perit biex jaghmel applikazzjoni ghall-iskop ta’ registrazzjoni. Qal illi hu lill-perit indikalu b’idejh fejn kienet il-borehole u li ma qaghadx jiffitta fejn ser jimmarka. Qal anke li meta gie l-perit, il-borehole kienet mirduma. Qal illi din il-borehole qatt ma uzaha, kif ukoll illi ma kellux permess biex ihaffirha.

Minn naha tieghu, il-Perit Henry Attard, fl-istqarrija Dok HA a folio 22 et seq, qal illi kien avvicinah certu David Bugeja biex japplikalu ghar-registrazzjoni tal-borehole. Qal illi fuq il-post il-borehole kienet mirduma u li kien Bugeja li ndikalu l-post fejn kienet, kif kien l-istess Bugeja li kien indikalu l-qisien. Ikkonferma li hu l-borehole qatt ma raha mikxufa. Spjega li bhala flus ha biss €70 ta’ idu u spejjez, kif ukoll illi bhala perit huwa jiffirma disclaimer fl-applikazzjoni, illi d-dettalji hemm imnizzla huma to the best of his knowledge (folio 22 ....)

Nicholas Spiteri, Inspector mal-Malta Resources Authority, xehed illi hu mar fuq is-sit ghall-ispezzjoni tal-borehole. Kien il-ko-imputat Bugeja li wrieh fejn kienet tinstab il-borehole in kwistjoni. Saret it-tieni spezzjoni meta Bugeja kixef il-borehole. Irrizulta minn dan ix-xhud illi l-borehole ma kinitx fl-istess post li kine hemm indikat fl-applikazzjoni, cioe' mar-ritratt li jkun hemm anness mal-formola. Qal illi d-diskrepanza kienet ta' bejn sitta u seba' metri. Anke fir-rigward il-fond ta' l-istess, dan ukoll xehed illi ma kienx jaqbel ma' dik indikat fuq l-applikazzjoni.

Mary Micallef Sultana xehdet biss dwar rapport li sarilha, pero ma marritx on site. Xehdet pero li din l-applikazzjoni kif giet redatta, seta' kienet rizultat ta' zball genwin u li ma saret ebda applikazzjoni fit-territorju tas-Sur Bugeja, ghajr ghal dik mertu tal-kwistjoni. Qablet illi minn naha ta' l-Awtorita' qatt ma ppruvaw jikkuntattjaw lill-Perit. Stqarret ukoll illi dak indikat fl-applikazzjoni seta' kien zball, dan nonostante li r-rapport lill-pulizija sar fuq ordni taghha.

Xehed l-imputat Henry Attard li kien avvicinah David Bugeja biex jirregistralu xi boreholes. Xehed illi dik ta' l-Imgarr limiti tal-Mosta ma kinitx tidher ghax kienet mghottija bil-gebel, aktar u aktar ghax kienet wara xi xatba kif tidhol. Qal illi fuq indikazzjoni tas-sid tal-lokazzjoni tal-borehole, hu mela l-applikazzjoni. Ha d-distanzi wkoll mill-kantunieri.
Qal illi hu qaghad fuq li qallu l-applikant, anke ghax hu ma kellux interess jiktibx hamsin jew mitt metru 'l hemm u 'l hawn. Xehed ukoll illi kien l-applikant Bugeja li ndikalu l-fond.

David Bugeja minn naha tieghu xehed illi meta harget l-iskema biex jigu registrati l-boreholes, kien sab perit u hadu fuq il-post. Urieh hu lill-perit fejn aktarx kienet it-toqba ghax kienet mghottija. Qal illi lanqas hu ma kien jaf ezatt fejn kienet ghaliex kien baghat lil min ihaffirhielu. Kienet ilha sitt snin imhaffra. Qal ukoll illi qatt ma uzaha u li qal lil min haffirhielu biex jghattieha u hallieha hekk.

Ikkunsidrat:

Illi ftit ghandha xi tghid il-Qorti dwar il-provi prodotti – minn imkien certament ma jista’ jirrizulta li l-Perit ta xi vantagg bir-registrazzjoni tal-borehole in kwistjoni. Certament ghall-Perit li thallas €70 ghal xogholu, dan ma jikkostitwix vantagg, ghax is-somma hija wahda rrizorja. Fuq kollox kull ma ghamel il-Perit forsi seta’ kine aktar preciz fil-mili tal-applikazzjoni, li qaghad fuq informazzjoni zbaljata moghtija lilu mill-applikant.

Min-naha tieghu David Bugeja verament ta informazzjoni zbaljata ad differenza ta’ falza lill-Perit biex tintela’ l-applikazzjoni, u anke ffirma l-istess, b’din hu ried jirregolarizza l-borehole tieghu – pero frankament din il-Qorti ma tistax tifhem x’vantagg kien ser jakkwista mbilli jaghti distanza ta’ sitta jew seba’ metri differenti.

Daqstant iehor ma jidhirx  li ser taghmillu differenza l-fond, ghalhekk jekk kien hemm xi differenza, tali ma gietx ben pruvata biex jigi ppruvat ix-xjenza ta’ hsieb ta’ vantagg jew beneficcju.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, tenut kont ta’ dak kollu premess, qieghda tillibera lill Henry Attard u David Bugeja mill-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------